**26 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Carmelo Brincat**

*versus*

**Emmanuele Stivala**

**Kontumaċja — Appell — Kapitolu — Benefikati fil-Fond Lokatizju — Alterazzjonijiet Strutturali — Art. 703 tal-Kap. 15.**

*L-ammissjoni preżunta mill-kontumaċja tal-konvenut għall-kapitolu lilu deferit ma tistgħax tkun ħlief skond it-termini tal-istess kapitolu; u ma tistgħax tiġi estiża, speċjalment f'materja tant delikata u deċiżiva, oltre l-limiti tagħha.*

*U billi l-benefikati magħmulin fil-fond lokatizju huma ħaġa diversa mill-alterazzjonijiet strutturali magħmula fl-istess fond, għaldaqstant, jekk l-istanza ħija bażata fuq alterazzjonijiet strutturali u l-kapitolu jiġi deferit dwar benefikati, il-preżunta konfessjoni li l-konvenut għamel benefikati ma hix konfessjoni tal-istanza, u ma tikkostitwix ostakolu għall-appell mis-sentenza tal-prima istanza li kundannat lill-konvenut ineħħi dawk il-benefikati.*

*L-approvazzjoni tal-kapitoli mill-Ewwel Qorti mhijiex ta' ostakolu li jiġi valutat l-effett veru tas-subizzjoni, sija minn dik l-istess Qorti x'ħin tiġi biex tagħti s-sentenza, u wisq anqas mill-Qorti tal-Appell.*

**Ara deċiżjoni susseg**w**enti fl-istess kawża — Appell Inferjuri 14 ta' Jannar 1961 (publikata).**

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju, ineħħi l-alterazzjonijiet strutturali li huwa għamel fil-post 124 Santa Lucia Street, Naxxar, mikri għandu, mingħajr il-kunsens tal-attur, u jġib kollox fi-istat pristinu tiegħu; u in difett biex l-attur jiġi awtorizzat li jagħmel dan ix-xogħol huwa a spejjeż tiegħu; kollox taħt id-direzzoni ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra legali tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Settembru 1960, li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attur u ffissat it-terminu ta' xahar ħalli l-konvenut jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa, u nnominat lill-A.I.Ċ. Joseph Genovese sabiex jissorvelja x-xogħol. Bl-ispejjeż;

U dan billi rat in-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwieġeb għalihom bil-ġurament u b'hekk il-kreditu jiġi pruvat, billi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk in-nota tal-mistoqsijiet għandha tittieħed bħala mistqarra;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut fol. 5, u ċ-ċitazzjoni li biha hu talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Skond il-verbal fol. 19, id-difensur tal-attur appellat eċċepixxa li ma hemmx lok għall-appell qabel ma tiġi ġustifikata l-kontumaċja;

Is-sentenza appellata ġiet bażata fuq il-kapitolu preżentat mill-attur fol. 3 li għalieh il-konvenut baqa' kontumaċi. Għalhekk, "prima faċie", għall-appell hemm l-ostakolu tal-preżunta konfessjoni tal-materja kapitolata;

Din il-Qorti però, *tirrileva li fil-fatt ma hemmx din* il-konfessjoni fil-każ preżenti. Infatti, il-kapitolu hu hekk konċepit:— "Irid jipprova bil-ġurament tiegħek li inti għandek tneħħi l-benefikati li inti għamilt mingħajr il-kunsens tal-attur fi żmien li tiffissa l-Qorti, u in difett li jagħmilhom l-attur";

Hu intuwittiv li l-ammissjoni, preżunta mill-kontumaċja tal-konvenut għal-kapitolu lilu deferit, ma tistgħax tkun ħlief skond it-termini tal-istess kapitolu (arg. art. 703 Kap. 15), *u ma tistgħax tiġi, speċjalment f'materja tant delikata* u deċiżiva, estiża oltre l-limiti tagħha. Il-kapitolu fuq imsemmi jirriferixxi għal benefikati, li huma ħaġa diversa mill-alterazzjonijiet strutturali li jiffurmaw, skond l-avviż, l-obbjett ta' din l-istanza. Biżżejjed wieħed jirrifletti li alterazzjoni strutturali tista' ma tkunx benefikat għall-fond u, konversament, li benefikat jista' ma jikkonsistix neċessarjament f'alterazzjoni strutturali. Dan apparti li lanqas issemma fil-kapitolu f'hix jikkonsistu dawn il-benefikati, u wieħed ma jifhemx, għalhekk, x'benefikati l-konvenut *suppost li kkonfessa li għamel, u liema xogħolijiet* setgħu jiġu ordnati fis-sentenza, kif ġew ordnati. Barra minn hekk, ma hemm ebda menzjoni fil-kapitolu tal-fond li fih suppost li saru l-"benefikati" — indikazzjoni ovvjament essenzjali għall-integrazzjoni tal-materja kapitolata;

Għalhekk, il-preżunta konfessjoni li l-konvenut għamel "benefikati" (per ġunta mhux speċifikati), f'post mhux imsemmi affattu fil-kapitolu, ma hijiex konfessjoni tal-istanza, li tirriferixxi għal alterazzjonijiet strutturali fil-fond 124 St. Lucia Street, Naxxar. Il-liġi tirrikjedi wkoll li l-kapitoli jkunu ċari (art. 700 ibidem);

L-approvazzjoni tal-kapitolu mill-Qorti tal-Ewwel Istanza mhijiex ta' ostakolu li jiġi valutat l-effett veru tas-subizzjoni, sija minn dik il-Qorti stess, x'ħin tiġi biex tagħti s-sentenza, u "multo minus" minn din il-Qorti fi grad ta' appell; għaliex dik l-approvazzjoni, kif wieħed jista' jifhem mid-dispost tat-tieni subartikolu tal-art. 700 ibidem hi *pjuttost mill-aspett proċedurali*. Tant juru l-kliem "kapitoli li huma żejda" u l-kliem ta' warajhom, rettament in-

terpretati skond ir-regola ta' ermenewtika tal-"ejusdem generis";

F'dawn il-kontinġenzi, din il-Qorti tirritjeni li ma kienx hemm fil-każ preżenti l-ammissjoni tat-talba bil-konfessjoni preżunta tal-kapitolu, li diversament kienet tkun ta' ostakolu għall-appell, skond l-art. 226 idem, ammenokkè ma tiġix purgata;

Għalhekk tiddirimi l-inċident billi tirrespinġi d-deduzzjoni tal-appellat, u tiddikjara li għall-appell interpost mill-konvenut ma hux ta' ostakolu l-kapitolu fol. 3 u l-kontumaċja għalieh tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-attur.

Il-kawża titkompla fil-meritu fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 1960.